MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Appell Kriminali Numru. 192/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Sammut**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Sammut ta’ 26 sena, bin Maurice u Rita nee` Grech, imwieled Pieta` fis-26 ta’ Mejju 1981, u li joqghod Ta’ Xbiex, detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 293881M, talli f’Awissu 2005, u fix-xhur ta’ qabel, fl-Msida u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer:

1. xjentement ghamel uzu minn att/i, kitba, jew skrittura/i foloz bi ksur ta’ l-Artikolu 184 tal-Kap 9;

2. u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti

msemmijin fil-Artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 186 tal-Kap 9;

3. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, bi ksur ta' l-Artikolu 188 tal-Kap 9;

4. u aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, sew xjentement jew bi trasuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f'xi partikolarita` sostanzjali f'xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir bl-Att jew taht l-Att dwar l-Awtorita` Marittima ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 75 tal-Kap 352;

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical license) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq, kif ukoll li tordna l-konfiska ta' l-oggetti kollha ezibiti u li tordna l-hlas ta' l-ispejjez peritali;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-10 ta' Gunju, 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Kevin Sammut hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu (bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel wahda u bir-raba' imputazzjoni assorbita fit-tielet wahda) u kkundannatu multa ta' €1650 u prigunerija ta' sena sospiza ghal sentejn b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. 9; dik il-qorti ordnat ukoll l-iskwalifika ta' Kevin Sammut milli jottjeni licenza nawtika ghal periodu ta' sena;

Rat it-talba ta' Kevin Sammut ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza; rat ir-rikors minnu prezentat fl-20 ta' Gunju 2008, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Dan il-kaz jirrigwarda l-mod kif l-appellant kiseb il-licenzja nawtika mahruga mill-*Malta Maritime Authority*. Mill-provi jirrizulta li missier l-appellant, Maurice Sammut, kien akkwista l-licenzja nawtika tieghu – cioe` ta' l-istess Maurice Sammut – b'mod illegali u cioe` billi hallas lil xi hadd biex dan jakkwistalu certifikat falz li kien jidher bhallikieku nhareg mill-MCAST, liema certifikat falz kien jghid li huwa ghamel il-kors mehtieg ghall-finijiet ta' din il-licenzja. Dan ic-certifikat l-imsemmi Maurice Sammut in segwitu pprezentah lill-Awtorita` Marittima ta' Malta. Fuq dan ic-certifikat falz, l-imsemmija Awtorita` hargitlu *nautical license*. In segwitu Maurice Sammut thajjar li jakkwista wkoll licenzja simili ghal ibnu, l-appellant odjern Kevin Sammut, ghalkemm dan ibnu ftit li xejn kien interessat f'affarijiet tal-bahar. Ghalhekk talab lil ibnu fotokopja tal-karta ta' l-identita` tieghu minn wara u minn quddiem, u zewg ritratti, u bl-istess mod illegali li kien akkwista c-certifikat falz ta' l-MCAST ghalih issa akkwista certifikat falz f'isem ibnu Kevin. Huwa qal lil ibnu, l-appellant odjern, biex imur mieghu fl-ufficcju ta' l-Awtorita` fejn hemm Maurice Sammut hallas ghall-licenzja, assigura ruhhu li ibnu jiffirma fuq il-licenzja, u din il-licenzja ghalhekk inharget f'isem l-appellant Kevin Sammut. Mistoqsi waqt li kien qed jigi interrogat mill-pulizija, l-appellant wiegeb hekk:

**"D: Inti rrealizzajt li kont qed tipprezenta certifikat mhux originali l-Maritime, meta applikajt ghall-licenzja?**
**R. Ma rrealizzajtx, jien kwazi ma qrajthiex din il-karta u lanqas biss kont naf li ridt naghmel xi courses. Hsibt li forsi kien hemm xi korsijiet bhal tal-karozza, imma jien qatt ma ghamilt xejn."**

L-ewwel qorti sabet htija fl-appellant bazikament minhabba s-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"Veru illi l-element intezjonali jrid jigi ppruvat, imma dan jista' jsir billi l-prosekuzzjoni turi lill-Qorti illi l-agir ta' l-imputat <u>ma kienx wiehed ragjonevoli fl-isfond tal-kriterji ta' *bonus pater familias*</u> li, rinfaccat b'dawk ic-**

**cirkostanzi kellu ragjonevolment ikun jaf illi l-agir tieghu kien wiehed illegali. Veru li missier l-imputat ha hsieb kollox imma ghal xi zmien l-imputat kien fil-pussess tad-dokument a fol. 19 u kien ghandu bizzejjed biex jaghraf it-timbri li kien hemm fuqu fejn gieh suspett li warajhom seta' kien hemm xi kors. Huwa veru illi suspett wahdu m'huwiex bizzejjed biex jissodisfa t-test ta' l-intenzjoni, pero` c-cirkostanzi juru li l-imputat messu kellu aktar minn semplicement suspett illi kienet qieghda ssir xi haga hazina. Id-dokument a fol. 19 kien f'idejh u bhala *bonus pater familias* imissu flieh sew u malajr kien jinduna illi kien hemm dikjarazzjonijiet fih illi ma kienux veritjeri. Jibda biex jinghad illi l-firma ta' l-applikant ma kienitx dik ta' l-imputat u dan messu gharaf mal-ewwel meta xehed quddiem il-Qorti** *(sic!)* **illi d-dokument gie mimli u lest u ma nizzel xejn fuqu, biex ma jinghad xejn dwar in-numru tal-kors u n-numru ta' l-ircevuta. Jekk dan ma kienx bizzejjed biex igieghel lill-imputat jirrealizza li dak id-dokument kien wiehed falz, allura f'dak il-kaz huwa ma ghaddiex it-test ta' dak li ragjonevolment kellu jaghmel il-*bonus pater familias* u ma jistax issa jeccepixxi l-injoranza biex huwa jahbi l-element intenzjonali li kellu dak il-hin li prrezenta c-certifikat lill-MCAST** [recte: lill-Awtorita` Marittima]**. Kif ighidlek id-dritt Ruman *Nullus commodum capere potest de injuria sua propria* [1]. L-imputat ma jistax issa jiehu beneficcju minn nuqqas tieghu stess, liema nuqqas kien jikkonsisti fi traskuragni u negligenza fl-assigurazzjoni ta' l-interessi tieghu u jara li ma jiksirx il-ligi b'dak illi kien qieghed jaghmel."** (sottolinear ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali)

L-appellant ghandu erba' aggravji. L-ewwel zewg aggravji jistghu, bazikament, jigu sintetizzati f'aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ta' l-ewwel tlett imputazzjonijiet billi tapplika l-principju tal-*bonus pater familias* u n-nozzjoni tal-*culpa*. It-tielet aggravju hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti ma ddistingwietx bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku. Ir-

[1] Hadd ma jista' jiehu vantagg mill-atti llegali tieghu stess.

raba' u l-ahhar aggravju hu dwar il-piena, li l-appellant jikkontendi li ma kienitx fil-parametri tal-ligi u kienet eccessiva.

Dwar l-ewwel zewg aggravji, din il-Qorti tikkonfessa li tinsab ftit perplessa bil-bran mehud mis-sentenza appellata u hawn aktar 'l fuq riprodott. Ghalkemm f'parti minn dan il-bran tintuza l-espressjoni "…biex jahbi l-element intenzjonali li kellu…", ir-ragunament li donnu qed jingieb 'l quddiem mill-ewwel qorti hu li galadarba l-appellant kien negligenti u traskurat – billi ma ezaminax sew id-dokument li kien ipprokuralu missieru – allura hemm l-element intenzjonali – fis-sens ta' <u>l-element formali</u> a differenza ta' l-element materjali – mehtieg ghar-reati ipotizzati fl-imputazzjonijiet kollha. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, jidher li din ikkonfondiet il-kriterji tan-negligenza fil-kamp civili mal-mod kif id-*dolo* jista' jigi ppruvat fil-kamp penali. Ma hemmx dubbju li r-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet huma reati doluzi, cioe` li jirrikjedu jew l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta. Issa, ghalkemm din l-intenzjoni diretta jew intenzjoni pozittiva indiretta tista' tigi desunta mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inklux mill-mod kif dak li jkun igib ruhhu, <u>ma jistax pero` jinghad li ghax xi hadd messu ragjonevolment kif jaf xi haga allura necessarjament isegwi li dak li jkun kien jaf dik ix-xihaga</u>. Fi kliem iehor, il-kwistjoni tibqa' dejjem dik ta' x'kellu verament f'mohhu l-agent fil-mument li wettaq l-att materjali u mhux x'seta kellu f'mohhu li kieku kien bniedem ta' intelligenza ordinarja jew ta' sagacja ordinarja jew – biex wiehed juza l-espressjoni uzata mill-ewwel qorti – kieku kien *bonus pater familias*. Argument analogu (u fil-kuntest ta' reati differenti) gie elaborat minn din il-Qorti (kollegjalment komposta) fis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. John Polidano et**. F'dik is-sentenza nghad hekk:

**"Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva – <u>jigifieri x'kellu</u>**

**<u>f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att</u> – u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja. Jigifieri m'ghandhiex issir enfasi preponderanti fuq il-konsegwenzi li rrizultaw mill-att. Kif jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu *The Criminal Law of Scotland* [2]:**

**""Intention, then, is subjective, but is proved objectively. Or at least this is so in most cases. Since it is in the end subjective, the jury cannot be prevented from claiming intuitive knowledge of the accused's state of mind, or from believing his account of his state of mind against all the objective evidence. Or at least they should not be so prevented, if they are, as they are always said to be, the judges of fact. The law should not at one and the same time lay down a subjective criterion, and then require the jury to determine whether the criterion has been satisfied by reference solely to an objective standard, the standard of the reasonable man. It has from time to time been said that a man is presumed to intend the natural consequences of his acts, but in the first place this is at most a presumption, and in the second place it applies only if "natural" is read as meaning "blatantly highly probable": if this were not so, all crimes of intent would be reduced to crimes of negligence."[3]**

**"U l-istess awtur, fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza *"is advertent and involves foresight of the risk"*[4] u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta) jghid hekk:**

**""When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will**

[2] W. Green and Son Ltd (Edinburgh), 1978.
[3] Para. 7.28, pp. 232-233.
[4] Para. 7.45, p. 241; "…negligence is inadvertent and involves an absence of such foresight."

**be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it. As Hall[5] says, *'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a* method *used to determine those operative facts in the minds of normal persons'*.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal. In *Robertson and Donoghue* Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that 'In judging whether…reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed'. All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death. The jury proceed by way of syllogism to infer from these objective factors that the accused was subjectively reckless, and the major premise is that a reasonable man would have foreseen the risk. So they argue: all reasonable men would foresee the risk of death as a result of what the**

[5] Hall, J., ***General Principles of Criminal Law*** 2nd ed., Indianapolis, 1960, p. 120.

**accused did; the accused is (*ex hypothesi*) a reasonable man; therefore the accused foresaw the risk."**[6]

Ara wkoll f'dan il-kuntest is-sentenza ta' din il-Qorti, ukoll kollegjalment komposta, tat-8 ta' Lulju 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Salvatore sive Salvu Gauci**.

Fi kliem iehor, negligenti kemm kien negligenti l-appellant fl-ezami tad-dokument li pprokuralu missieru, il-kwistjoni tibqa' dejjem, ghall-anqas ghall-finijiet tar-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjonijiet, jekk l-appellant kienx konsapevoli li d-dokument kien falz u, ghall-finijiet tat-tielet imputazzjoni, kienx konsapevoli li meta sottometta dak id-dokument lill-Awtorita` Marittima ta' Malta huwa kien allura qed jaghmel dikjarazzjoni falza. It-traskuragni jew negligenza (*culpa*), anke dik grassa, ma tistax tigi awtomatikament parifikata ma' l-intenzjoni diretta jew l-intenzjoni pozittiva indiretta (it-tnejn ammontanti ghal *dolus*), kif donnha ghamlet l-ewwel qorti fis-sentenza appellata.

Ezaminati l-atti, din il-Qorti, ghalkemm tasal biex taqbel ma' l-ewwel qorti li l-appellant wera traskuragni – probabbilment akkumpanjata minn element ta' *timore riverenziale* fil-konfront ta' missieru – fil-mod kif agixxa, ma tistax tikkondividi l-konkluzzjoni milhuqa minn dik il-qorti li l-element intenzjonali, cioe` formali, ghall-finijiet tar-reati ipotizzati fl-ewwel tlett imputazzjoni gie sodisfacentement pruvat, u ghalhekk ser tillibera lill-appellant mill-ewwel tlett imputazzjonijiet. L-istess, naturalment, ma jistax jinghad fil-konfront tar-raba' imputazzjoni, fejn ir-reat jista' jigi kommess anke bi traskuragni, ghax traskuragni da parti ta' l-appellant f'dan il-kaz certament kien hemm.

Ghalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tikkunsidra t-tielet aggravju ta' l-appellant. Kwantu ghar-raba' aggravju ser ikun hemm, naturalment, ridimensjonament fil-piena. L-iskwalifika ta' l-appellant milli jikseb licenzja nawtika ghal

[6] Gerald Gordon, *op. cit.* para. 7.53, pp. 245-246.

zmien sena ser tinzamm, u dana fuq l-iskorta ta' dak deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jason Spiteri**.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell in parti biss u tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

i. thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni, u minflok tillibera lill-appellant minn dawn it-tlett imputazzjonijiet;

ii. thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant multa ta' €1650 kif ukoll prigunerija ghal zmien sena sospiza ghal sentejn, u minflok tikkundannah multa ta' elf mija u erba' u sittin ewro (€1164) konvertibbli f'mitt (100) gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi;

iii. u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija u cioe` fejn sabitu hati skond ir-raba' imputazzjoni u fejn skwalifikatu milli jottjeni licenzja nawtika ghall-periodu ta' sena, b'dan li dan il-periodu ta' sena jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------